MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2009

Rikors Numru. 629/2009

**Av. Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-socjeta` PUMA AG Rudolf Dassler Sport.**

**vs.**

**Dr. Renzo Porsella Flores u l-P.L. Hilda Ellul Mercer li b' digriet tat-30 ta' Lulju 2009 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil AL Aslee Sea Cargo & SVCS LLC.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Dr. Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-socjeta` PUMA AG Rudolf Dassler Sport datat 26 ta' Gunju 2009 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` attrici hi proprjetarja tal-marka “PUMA” registrata f’Malta bin-numru 13091 u tal-Marka “Cat” registrata bin-numru13092.

Illi dan l-ahhar il-konvenut ikkontravjeni t-*trademark* in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-*trademark* ghar-rigward ta’ oggett li huwa identici ma’ dawk li dwarhom it-*trademark* tas-socjeta` attrici giet registrata u dan billi gab f’Malta kwantita` ta’ zraben bil-marki ta’ “Puma” liema huma *“clear cut infingements” of PUMA trademarks”*, ma ghandhomx l-istil ta’ PUMA, ghandhom “*secondary marks*” hziena u *packaging* hazin.

Illi ghalhekk il-konvenut ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

Illi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda tal-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u jew prodotti u jew importati f’ Malta mill-konvenut bil-marka proprjeta` tas-socjeta` attrici u dan kif provdut fl-**artikolu 15 tal-Att dwar it-*Trademarks*** u **l-Att tmienja tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-ligijiet ta’ Malta (EC 1383/2003).**

Illi ghalhekk l-istess attur *nomine* talab lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkontravjena t-*trademark* jew *trademarks* proprjeta` tas-socjeta` attrici u **l-Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta** u b’ hekk ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

2. Tordna l-qerda tal-oggetti spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f’Malta fil-*container* IRSU 4970400 u mill-konvenut bit-*trademark/s* tas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez presentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni. B’riserva ghal azzjoni ta’ danni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 2, 3 u 4 tal-process.

Rat id-digriet datat 30 ta’ Lulju 2009 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita` intimata.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tad-29 ta’ Ottubru 2009.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati datata 14 ta’ Ottubru 2009 a fol.19 tal-process fejn eccepew:-

(1) Illi filwaqt li qabel xejn ir-rikorrenti *noe* jehtieg jipprova l-mandat tieghu l-esponenti s’issa ma jafu xejn dwar il-fatti li wasslu ghall-kawza huma qed jaghmlu hiltihom biex jaqbdu mal-kunsinnatarju msemmi fid-Dok “B”.

Rat il-lista tax-xhieda ndikata a fol. 19 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tas-29 ta’ Ottubru 2009 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Philip Manduca li rrimetta ruhu ghall-atti u Dr. Renzo Porsella Flores li informa l-Qorti li ma rcieva xejn minghand l-entita’ konvenuta minkejja li pprova jikkomunika maghha. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-5 ta’ Novembru 2009.

Rat ix-xhieda kollha moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn is-socjeta’ attrici bhala proprjetarja tal-marki “PUMA” u “Cat” qed tallega li s-socjeta’ konvenuta kisret d-drittijiet taghha peress li s-socjeta’ konvenuta gabet Malta kwantita’ ta’ zraben sportivi bl-istess marka li izda huma foloz.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici gew ippruvati peress li jirrizulta li f’*container* IRSU 4970400 li dahal Malta fid-19 ta’ Gunju 2009, wara li gie ezaminat fil-23 ta’ Gunju 2009 mill-Ufficjali tad-Dwana, instab li kien hemm konsenja ta’ zraben sportivi bl-istess marka

“PUMA” li dehru li kienu foloz; ghalhekk kampjunarji tal-istess zraben intbaghatu lir-rapprezentat tad-ditta attrici u minn ezamijiet li saru gie kkonfermat li tali marka kienet falza (dikjarazzjoni guramentata ta’ Nel Narriman datata 15 ta’ Novembru 2007 – fol. 22 u Dok. “C”); b’rizultat ta’ dan rega’ gie ezaminat l-istess *container* destinat lis-socjeta’ intimata u nstab li fil-fatt kien hemm hames mija u tmienja u sebghin il-kaxxa zraben sportivi bil-markji ‘PUMA’ bit-total ta’ tlettax il-elf, hames mija u tnejn u hamsin (13,552) par zarbun sportiv tal-istess marka li kienu foloz. Dan jirrizulta mix-xhieda ta’ George Agius, Spettur tad-Dwana fl-affidavit tieghu datat 22 ta’ Lulju (fol. 16). Jirrizulta ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

Illi ghalhekk talbiet attrici qed jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ecezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma b’xi mod inkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-konvenut/jew entita’ konvenuta ikkontravjeniet it-*trademark* jew *trademarks* proprjeta` tas-socjeta` attrici u l-**Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta** u b’hekk ikkagunat danni lis-socjeta` attrici.

2. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ sittin (60) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jeqred tali konsenja ta’ zraben kollha spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f’Malta *container* IRSU 4970400 entita’ konvenuta bit-*trademark/s* tas-socjeta` attrici kollox kif fuq indikat f’din id-decizjoni u dan kollox a spejjez tal-istess entita’ konvenuta.

Bl-ispejjez kontra l-entita’ konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------